# Il-Forti Ricasoli f'idejn l-Ingliżi

Il-Ġeneral Pasley ta' l-Armata Ingliża li serva f'Malta fi żmien il-ħakma qasira tal-Franċiżi kien jaf sew il-forti Ricasoli. Fi ktieb tiegħu "Course of Elementary Fortifications" isemmi l-lamberzuri tal-kanuni bil-problema li meta kienu jisparaw il-kanuni jifgaw bid-duħħan u kien meħtieġ aktar spazju. Dak iż-żmien kien hemm 7 kanuni u minkejja li fetħu ftit l-ispazju kien jiġri li meta l-kanun jispara ħames jew sitt darbiet wara xulxin ir-riżultat kien pożittiv.

Fil-bidu tas-seklu 19, l-aktar kanun użat biex iħares il-kosta kien ta' 68-poundre waqt li x-xjenza tal-kanuni bdiet tiżviluppa. Billi f'nofs is-seklu 19, l-Italja kienet ingħaqdet u Franza tħares il-Mediterran, l-Ingilterra ħasbet lejn is-sena 1859 għal armar aktar sod. Għalhekk, saru fil-kosta ta' Malta 4 kanuni kbar ta' 110-pounder, 93 ta' 68 pounder, 24 tat-8", 6 tat-32-pounder, 10 ta'l-24-pounder u 24 ta' l-24 pounder. Dan b'total ta' 104 kanun b'għadd ta'15 uffiċjal u 676 suldat għal kosta kollha ta'Malta. Fir-Ricasli allura mess li jsiru kanun ta' 38 tunellata, tnejn ta' 25 tunellati, tnejn oħra ta' 18-il tunellata u tnejn tat-12-il tunellata. Ġara iżda li lejn is-sena 1885 Kumitat ta' difiża stqarr li ħafna minn dawn il-kanuni kienu saru "Obsolete". Tliet snin wara, Ġeneral Nicholson u Goodenough talbu li l-kanuni li kien hemm jitneħħew u jżommu biss dawk tat-38 tunellata (12") u tnejn ta' 18". Fil-fatt ġara li wara Forti Ricasoli ġie armat b'kanuni aktar moderni tas-6" (*quick firing MKVII* u



**Id-daħla tal-Forti Ricasoli.**



**Il-lapida li tinsab mad-daħla ta' Forti Ricasoli.**

f'Lulju 1906 ġa kienu nġiebu fil-post erba' minnhom. Ftit jiem biss wara wieħed mill-kanuni kien mibdul b'erba oħra 12-pounder Q.F. F'Mejju 1889 fil-forti tqiegħed l-ewwel *searchlight* u wara żieduħrajn. Ta' min isemmi li fis-snin tletin bosta kienu n-nies tal-Kalkara jisimgħu l-isparar tal-kanuni li kienu jisparaw fuq it-targets li kienu joħorġu apposta mill-Port il-Kbir.

*Lorenzo Zahra*

